MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 30/2002

**John Bonello**

**vs**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' John Bonelloipprezentat fit-30 ta' Settembru 2002 fejn intqal is-segwenti:-

Illi fit-talba tieghu quddiem l-Awtorita', l-esponenti talab li ssir istallazzjoni ta' *hinged bollard* quddiem id-dar tieghu u dan sabiex jigi evitat li jidhlu vetturi fuq il-bieb tieghu u ma jkunx hemm il-perikolu kkagunat mill-istess vetturi, liema talba giet michuda mill-Awtorita'.

Illi l-esponenti appella minn din id-decizjoni izda l-Bord ta' l-Appelli permezz ta' sentenza moghtija fl-20 ta'

Settembru 2002 cahad dan l-appell u kkonferma c-cahda tal-permess.

Illi l-esponenti jhossu aggravat minn din is-sentenza u jappella minnha permezz ta' dan ir-rikors.

Illi l-aggravju ta' l-esponenti huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-kontenut ta' din is-sentenza ivvjola d-dritt tal-proprjeta' ta' l-esponenti, sancit mill-**Kodici Civili** u wkoll mill-**Kostituzzjoni** billi qed jipprivah mid-dritt mhux biss li jipposjedi pacifikament il-proprjeta', izda wkoll mid-dritt li jipprotegi l-istess proprjeta'. Il-Bord ta' l-Appelli ta aktar valur lill-konvenjenza tas-sewwieqa tal-vetturi illi abbuzivament jghaddu gol-parapett ta' l-esponenti u l-konvenjanza ta' xi persuni li qed jghidu (skond is-sentenza) li ghandhom proprjeta' iktar 'il fuq minn dik ta' l-esponenti u dawn jippreferu jghaddu mill-parapett ta' l-esponenti milli minn accessi ohra li huma ghandhom. Kif qal l-istess Bord *quod non est in actis non est in mundo* u wiehed ma jistax ghalhekk jifhem kif il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li dawn il-persuni huma proprjetarji meta naqsu li jgibu prova dwar dan.

Il-Bord anzi abdika milli jiddeciedi fuq il-kwistjoni tal-proprjeta' meta fil-fatt huwa cahad dan id-dritt lill-esponenti. Infatti (ara pagna 33 tad-decizjoni) ghamilha cara li hu ddecida biss dwar kwistjoni ta' *planning.* Bir-rispett kollu dan ma jsegwix. Id-dritt ta' l-esponenti li jipprotegi l-proprjeta' tieghu ma ghandux jigi limitat b'konstatazzjonijiet ulterjuri dwar ippjanar. Band'ohra il-Bord ta' l-Appell interessah il-kwistjoni tal-proprjeta' meta enfasizza d-dritt tal-persuni li qed jippretendu illegalment li jghaddu minn gol-parapett ta' l-esponenti (u dan meta ghandhom bnadi ohra minn fejn jghaddu).

Mhux minnu dak li qal il-Bord li f'kaz ta' emergenza ma hemmx access - dan gie spjegat sew fl-inkartament.

*Inoltre* il-Bord injora kompletament il-perikolu ikkagunat mill-vetturi li illegalment u minghajr l-ebda kontroll jidhlu fl-

ispazju limitat tal-parapett ta’ l-esponenti, jghaddu minn fuq l-ghatba tal-bieb tad-dar tieghu, u jostakolaw lill--esponenti milli jidhol u johrog mid-dar tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi u sottomissjonijiet tieghu ga prodotti u jirriserva d-dritt li jgib provi ulterjuri u li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet premessi moqrija fl-20 ta’ Settembru, 2002 u takkorda lill-esponenti il-permess imsemmi.

Rat id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar datata 20 ta’ Settembru 2002 li minnha sar appell;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp li gietipprezentata fil-23 ta’ Ottubru 2002 fejn intqal:-

1. Illi qabel xejn trid issir korrezzjoni mill-appellant fl-appell tieghu *stante* li l-Qorti kompetenti f’dawn it-tip ta’ appelli hija “Il-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri)” u ghalhekk gialadarba ssir tali korrezzjoni b’ordni tal-Qorti, ssir ukoll il-korrezzjoni opportuna fir-risposta ta’ l-appellati odjerni;

2. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skond l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kap.356)** li jghid hekk:

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta’ Ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri).”*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta’ ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord.

Dan kien konfermat diversi drabi b’sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **“Emanuel Mifsud**

**vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u eiucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kaz in ezami l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda sempliciment applika l-*policies* rilevanti skond il-Pjan ta' Struttura ghall-kaz in ezami. Huwa ben risaput li l-interpretazzjoni ta' Ligijiet u Regoli dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell, li huwa kompost, *inter alia,* minn persuni teknici u esperti fil-qasam ta' l-ippjanar (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996) u ghaldaqstant ghandu jkun dan il-Bord li jiddeciedi dwar materji teknici. Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord m'hijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti (cf **Dr. Alfred Grech vs Awtorita` ta' l-Ippjanar** – sentenza tal-31 ta' Mejju 1996 – Appell Nru.) Ghalhekk il-Bord ta' l-Appell ghandu diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzjoni u japplikaha ghall-fatti li jingiebu quddiemu, u din l-interpretazzoni u applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor.

Altrimenti din l-Onorabbli Qorti tkun qeghda tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell u b'hekk tagixxi ta' tribunal tat-tielet istanza. Dan kien konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **"Angelo Farrugia vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Decizjoni tal-24 ta' April 1996 – Qorti ta' l-Appell) fejn l-aggravju ta' l-appellant kien li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b'mod skorrett il-Pjan ta' Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjonliet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati.

*“Tali interpretazzjoni. . .hija esklussivament fil-mansjoni ta’ l-ezercizzju tal-poteri ta’ l-organi ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta’ l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qeghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f’materja teknika li tispetta biss skond il-ligi, lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b’ligi biex jiddetermina materji ta’ din ix-xorta."*

Dan l-insenjament kien konfermat f’diversi sentenzi ohra fosthom **“Zaren Camilleri vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (Decizjoni tat-28 ta’ Frar 1997 - Qorti ta’ l-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:

*“Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe` l-artikolu 15 (2) ta’ l-att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta’ fatt. U biex appell fuq punt ta’ dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta’ dritt irid ikun deciz mill-Bord tad-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm id-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta’ ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta’ xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta’ dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta”.*

L-istess insenjament kien kif ukoll f’sentenza ricenti u cjoe’ **“Delicata vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar**” (Decizjoni tal-31 ta’ Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta’ l-Appell) fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta’ sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta’ l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F’din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:
*“Evidentement din il-Qorti m’ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u interpretazzjonijiet ta’ policies li ma jirrisolvux ruhhom f’punti ta’ dritt. Kif diga’*

*ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

L-aggravji ta' l-appellant kollha jitrattaw punti ta' fatt jew l-evalwar tal-provi u sottomissjonijiet li tressqu quddiem l-istess Bord u ma jitrattaw l-ebda punt ta' ligi, deciz mill-istess Bord.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa kompetenti biss sabiex jiddeciedi kwistjonijiet ta' ppjanar. Ghaldaqstant il-Bord ma kienx obbligat illi jevalwa jekk fil-fatt l-*objectors* kenux verament il-propjetarji, *stante* li kwistjonijiet ta' dritt civili ghandhom jigu decizi mill-Qrati Ordinarji. Jekk l-appellant huwa ta' l-opinjoni li ghandu xi drittijiet kostituzzjonali jew civili li ghandhom jigu kawtelati, huwa fid-dritt tieghu li jirrikorri quddiem il-Qrati Ordinarji sabiex jikkawtela tali drittijiet, izda ma jistax jitlob liil-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li jiddeciedi tali kwistjonijiet *stante* li dan m'ghandux gurisdizzjoni bjex jiddeciedi tali kwistjonijiet, u mhux, kif jallega l-appellant, illi l-Bord abdika l-funzjonijiet tieghu.
Illi l-appellant qed isostni li l-Bord ta aktar valur liil-konvenjenza tas-sewwieqa ta' persuni li jirrisjedu vicin l-appellant milli l-istess appellant. Bir-rispett kollu jinghad illi dan l-argument huwa bazat fuq il-premessa li l-art in kwistjoni tifforma l-parapett privat ta' l-appellant, mentri l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda li tali art hija wahda pubblika. Din il-kostatazjoni hija wahda ta' fatt, u ghaldaqstant ma jistax isir appell dwarha *stante* li ma tikkostitwixxi punt ta' ligi.

Illi jigi sottomess illi m'huwiex minnu li f'xi stadju l-Bord imbaghad dahal fuq kwistjoni ta' propjeta`; il-Bord ma qalx li l-persuni l-ohra ghandhom xi dritt ta' natura civili li jghaddu minn fuq dan il-parapett, izda sempliciment illi mill-*punto di vista* ta' l-ippjanar ma huwiex fl-interess pubbliku, li jigi mpedit l-access tal-pubbliku mir-rampa in

kwistjoni partikolarment minhabba kazijiet ta’ emergenza kif ukoll biex ma jinholqux problemi tat-traffiku.

6. Illi *inoltre* kif diga’ ntqal ripetutament, id-decizjonijiet tal-Bord dwar punti ta’ fatt huma finali, u gialadarba l-Bord iddecieda illi bil-proposta ta’ l-appellant jigi impedit l-access f’kaz ta’ emergenza, dan il-punt ma jistax jigi appellat. IlBord ha in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet estensivi maghmula mill-appellant, fosthom li s-sitwazzjoni prezenti, skond l-istess appellant, timpedixxi l-access lill-appellant mir-residenza tieghu. Ghalhekk l-appellant huwa skorrett meta jghid li l-Bord injora kompletament dan il-punt. Kull ma ghamel il-Bord kien li ddecieda li ma jaqblix ma’ tali sottomissjoni u li izjed jaqbel mas-sottomissjonijiet ta’ l-Awtorita’.

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell ta’ l-ghoxrin (20) ta’ Settembru 2002 u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant John Bonello, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ghoxrin (20) ta’ Settembru 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar li bihom esebixxa *animo ritirandi,* l-file tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“John Bonellot vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** deciz mill-Bord.

Semghet lid-difensuri tal-kontendenti jitrattaw l-appell.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta’ l-appellant, tad-29 ta’ April 2003.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, tat-23 ta’ Gunju 2003.

Rat l-atti kollha ta’ l-istess appell.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-applikazzjoni odjerna kienet tikkoncerna li l-appellanti ried li jaghmel *"a hinged bollard and relevant floormarkings for safety and security on the private ramp"* fi 92,93,94 Cross Road, Marsa, liema applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp peress li:-

*"1. The proposed bollard is not acceptable from a traffic point of view since it impedes access to other residents of the same street".*

*"2. The proposal fails to make adequate provision of off-street offloading and unloading and so it will have an adverse impact on the free and safe flow of vehicles on the adjoining highway and will not be in the interests of padestrian safety or convenience. The development does not therefore comply with Structure Plan policy BEN 1".*

Illi minn din id-decizjoni sar appell mill-istess appellant odjern quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar *stante* li l-istess rikorrenti odjern sostna li l-parapett imsemmi huwa proprjeta' privata, li l-istess Awtorita' injorat il-perikolu li karozzi jidhlu f'dan l-ispazju, u li konsegwentement l-istess Awtorita' ma trattatx is-sottomissjonijiet ta' l-istess applikant inkluz li ma kkonsidratx li tali access ta' karozzi u terzi persuni fuq l-istess art *de quo* huwa fih innifsu llegali.

Illi fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar wara li kkonstata li tali zvilupp propost gie oppost minn terzi persuni li jikkontendu li ghandhom access ghall-istess spazju tant li oggezzjonaw formalment ghall-ghoti ta' l-istess permess anke *tramite* ittra tal-Perit Carmel Caccopardo f'isem 66 persuna, u wkoll mit-Traffic Control Board *tramite* it-Transport Planning Unit ta' l-Awtorita', u wkoll li tali *"passagg jintuza minn bosta nies, inkluz il-girien ta' l-istess appellant"* li kollha kienu kontra li jinghata permess ghall-istess zvilupp, mmotivat id-decizjoni taghha fejn kkonfermat r-rifjut ta' l-istess applikazzjoni billi sostniet li:-

(a) li l-Awtorita’ iddeciediet il-vertenza fuq il-*file* relattiv u fuq il-pjanti sottomessi mill-applikant innifsu.

(b) Illi l-istess art li fuqha kien qed jintalab li jsir l-izvilupp propost mill-applikant ma kenitx tikkonsisti f’parapett *stante* li ma kien jezisti ebda permess ghall-istess parapett, u fil-fatt sostniet li l-art *de quo* kienet qed tintuza mill-pubbliku irrispettivament jekk l-art kenitx privata jew le.

(c) Illi l-Kummissjoni kkonsidrat is-sottomissjonijiet kollha li ghamel l-applikant, u l-fatt li l-istess applikazzjoni giet rifjutata ma jfissirx li l-istess osservazzjonijiet ta’ l-applikant ma gewx ikkunsidrati izda biss li l-istess Awtorita’ ma qablitx maghhom u dan ghal motivi ta’ ppjanar u kontroll u regolamentazzjoni ta’ l-istess.

(d) Illi abbazi ta’ dan kollu l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda li *“l-izvilupp propost mhux accettabbli minn punto di vista ta’ l-ippjanar tat-traffiku peress li jimpedixxi l-access ghar-residenti l-ohra li joqghodu aktar il-fuq fil-vicinanzi tas-sit mertu ta’ dan l-appell. M’hemmx dubju li bl-uzu tar-rampa – li ilha tezisti ghal hafna snin – ir-residenti vicini ta’ l-appellant ghamlu uzu minnha.”*

(e) Illi dwar ir-raguni l-ohra tar-rifjut mill-Awtorita’, l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li ghalkemm tali art mertu ta’ l-izvilupp propost mhux triq u ghalkemm l-access attwalment prattikat minn terzi qed jigi allegat li huwa ta’ inkonvenjent ghall-istess appellant, l-istess Bord xorta hass li *“ma ingabux ragunijiet sufficjenti li mill-punto di vista ta’ l-ippjanar ta’ l-izvilupp juru li huwa fl-interess pubbliku li tali passagg jigi maghluq permezz ta’ bollard skond kif qed jipprospetta li jaghmel l-applikant fl-applikazzjoni tieghu”.*

Illi l-appell odjern quddiem din il-Qorti jsostni li b’tali decizjoni l-Bord ta’ l-Appell dwar l-ippjanar ivvjola d-drittijiet ta’ l-appelanti kif sanciti fil-Kodici Civili u fil-Kostituzzjoni, izkluz li l-istess appellant bhala sid ghandu d-dritt jipprotegi l-proprjeta’ tieghu u ddecieda favur terzi

persuni meta tali persuni lanqas prova li huma proprjetarji ta’ l-art *de quo* ma gabu; *di piu* l-istess Bord abdika milli jiddeciedi peress li ddecieda biss fuq kwistjonijiet ta’ zvilupp minghajr ebda riferenza ghad-dritt ta’ l-appellanti ta’ proprjeta’ u ma qiesx l-aggravu ta’ l-appellant dwar il-perikolu li tali rifjut ta’ permess ippogih fih.

Illi t-tieni eccezzjoni ta’ l-Awtorita’ appellanti hija li l-appell li sar, ma sarx fuq punt ta’ dritt deciz mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u dan skond kif indikat fl-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi ghalhekk l-ewwel punt li din l-Qorti ghandha tiddetermina huwa jekk dan l-appell huwiex ammissibbli *o meno* peress li skond is-**sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 15 ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp**:

“*Id-decizjonijiet tal-Bord (ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar) ikunu finali hlief <u>dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord</u> li minnhom hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell”.*

Illi din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet **“Jack Galea vs Awtorita` ta' l-Ippjanar”** (Appell Numru 213/99) deciza fid-19 ta’ Novembru, 2001 qalet illi:-

*“Din id-dispozizzjoni tal-ligi tistabbilixxi l-gurisdizzjoni limitatissima moghtija lil din il-Qorti biex tirrevedi decizjonijiet tal-Bord. … ghall-kompletezza, din il-Qorti sejra tillimita ruhha biex tirriproduci silta mis-sentenza taghha moghtija fil-kawza taghha **"Emanuel Mifsud vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie espressament ritenut li din il-Qorti:-*

*“Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' appell anqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*"irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-imsemmi Att 1 ta' l-1992**, hija wahda limitata hafna. Dan billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni".*

Illi *inoltre* fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** *supra* citata, inghad:-

*"Illi dan billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni".*

Illi din il-Qorti sostniet fis-sentenza **"Alexander Busuttil vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C.I. (RCP) - 11 ta' Novembru, 2002 - App 14/01/RCP):-

*"Li decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar jistghu jigu mpunjati quddiem il-Qrati Ordinarji, fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, fl-ipotezi li l-Bord wettaq xi ingustizzja manifesta billi jkun naqas li josserva xi principju tal-gustizzja naturali. Kwistjonijiet bhal dawn, pero', ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-imsemmija dispozizzjoni."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell Nru. 54A/97) deciza fis-6 ta' Mejju 1998 intqal illi:-

*"… anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dan billi l-ligi taghti d-dritt ta' l-appell biss u b'mod tassattiv, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord."*

Illi konsegwentement mal-premess din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) sostniet li hija *"qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I ta' l-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi w tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok t' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn din il-Qorti f'appelli bhal dawn".*

*Illi dan necessarjament jimplika li l-uzu w it-twettieq ta' din id-diskrezzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi pprovdiet ghall-possibilita` ta' sindakabilita` fuq din il-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid tidher manifestament li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke fuq l-aspetti fattwali tal-kaz".*

Illi kif intqal minn din l-istess Qorti:-

*"Jixraq li fl-ewwel lok tigi trattata u deciza l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u cjoe' li l-appell odjern kien wiehed null peress li wiehed jista' jappella minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar* *<u>biss</u> fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. L-Awtorita` ghamlet referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet* ***"Emmanuel Mifsud versus L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"*** *fejn gie espressament ritenut li l-Qorti ta' l-Appell:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' Appell lanqas fuq punti ta' ligi sa kemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata.*

*Din il-Qorti kellha okkazzjoni li tidhol u tinvestiga din l-eccezzjoni f'numru kbir hafna ta' kawzi ricentement u ghalhekk, filwaqt li ssir espressa referenza ghal din il-gurisprudenza ricenti ta' din il-Qorti, ma jidhirliex li ghandha tahli aktar hin biex tenfasizza l-gurisdizzjoni limitata li din il-Qorti ghandha f'appelli statutorji bhal dawn minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar".*

Illi dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta nkluzi **"Manwel Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002); **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002 - Appell Numru 8/2001); u **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) – Appell Numru 9/2001 fost l-ohrajn.

Illi dan ma jfissirx li l-appellant m'ghandux rimedji ohra, anke quddiem dawn il-Qrati, sabiex iressaq 'il quddiem l-ilment tieghu fuq l-allegazzjonijiet minnu vantati, izda dan mhux necessarjament quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell minn punti ta' dritt decizi mill-Bord ta' l-Appell, ghaliex l-ezami li trid u ghandha taghmel din il-Qorti huwa biss fl-ambitu ta' dak provdut fl-**artikolu 15 (2) ta' l-att I**

**ta' l-1992**, u kull konsiderazzjoni ohra hija *"ultra vires"* ghal din l-istess Qorti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' April 1996 intqal illi:-

*"Jista' <u>biss</u> isir appell mill-<u>Bord ta' l-Appell</u> dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti <u>fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord</u>. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew <u>trattati</u> u <u>decizi</u> mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha <u>trid tirrizulta fis-sentenza appellata</u>. Hu superfluwu li jigi notat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell - Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi".*

*"F'sistema gudizzjarja fejn mhux permess rikors ghat-tielet Qorti ta' appell, u ghalhekk li hu biss konsentit bil-ligi appell lil din il-Qorti f'kazijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Bord <u>espressa fid-decizjoni minnu emessa</u>. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' revizjoni fuq il-fatti in kawza, din il-Qorti ghandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jigu osservati r-regoli tal-gustizzja naturali u l-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji fiha enuncjati."*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, gie riaffermat il-principju li:-

*"Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss w unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista` tappella, trid tkun diga` qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u*

*l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu."*

Illi sentenza ohra li segwiet dan il-principju kienet **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie kkonfermat b'termini precizi li:-

*"L-artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell".*

*"Illi johrog car minn ezami akkurat ta' din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet t' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghal appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa w elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata"*.

Illi ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif appena nghad hawn fuq, ma hemm l-ebda dubju li kif inghad fis-sentenza **"Jack Galea vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** [Appell Numru 213/99] deciza fid-19 ta' Novembru 2001) il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata ghal revizjoni tad-decizjonijiet tal-Bord in kwantu biss fihom ikun hemm xi punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-istess Bord.

Illi applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami jidher li minn ezami tad-decizjoni ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar dak li gie kkunsidrat mill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kienu biss kwistjonijiet ta’ zvilupp abbazi tal-poteri esklussivi li ghandha l-Awtorita’ fuq il-materja skond kif preskritt fl-**artikolu 5 tal-Kap 356** li jiddefinixxi l-funzjonijiet ta’ l-Awtorita’ proprju f’materji ta’ zvilupp u jirrizulta wkoll li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ikkunsidra l-appell quddiemu skond il-poteri li huwa ghandu u fil-limiti tal-kompetenza tieghu stabbilita wkoll fl-**artikolu 15 (12)** u l-**artikolu 33 (1) u (2) tal-Kap 356** u b’hekk iddecieda il-kaz skond l-Ligi hemm indikata fl-ahhar imsemmi artikolu nkluzi l-Pjan ta’ l-Izvilupp u l-*policies ta’ l-ippjanar* vigenti, u ha in konsiderazzjoni wkoll kull haga ta’ sustanza, komprizi f’dan il-kaz kemm is-sottomissjonijiet ta’ l-appellant odjern, u wkoll konsiderazzjonijiet ta’ traffiku u regolamentazzjoni ta’ l-istess u mhux l-inqas l-uzu li kien qed isir mill-istess porzjoni ta’ art mertu ta’ l-izvilupp propost.

Illi minn ezami ta’ l-istess decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma jidhirx li sar xi ezami ta’ xi ligi jew interpretazzjoni ta’ l-istess, u certament ma hemm l-ebda pronunzjament legali fl-istess sentenza, anzi kif sewwa issottomettew l-istess appellati kull ma hemm huwa biss trattament tal-punti kollha ta’ fatt li tressqu quddiemu, evalwar tal-provi u applikazzjoni ta’ *policies* vigenti ghall-istess provi sottomessi, tant li huwa *adirittura* ammess mill-istess appellanti li l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar illimita ruhhu biss ghal dak li sejjah bhala *kwistjonijiet ta’ planning* (fol.3) u *in verita’* dik hija l-unika kompetenza li ghandu l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi mill-appell ta’ l-istess rikorrenti odjern jirrizulta li huwa qed isostni li tali decizjoni lleditlu d-dritt ta’ proprjeta’ tieghu fis-sens li ma hallietux jipproteggi l-proprjeta’ tieghu kontra dak li huwa allega li huma atti illegali ta’ terzi li qed juzaw tali porzjoni ta’ art mertu ta’ l-applikazzjoni tieghu illegalment. Ovvjament jidher li fl-istess rikors ta’ l-appell l-istess appellant ma ndikax liema artikolu tal-ligi qed jghid li gie misinterpretat jew ma giex applikat mill-istess Bord

ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, izda apparti dan mid-decizjoni jidher car li l-istess Bord ta’ l-Appell ma dahalx u lanqas ippronunzja ruhhu dwar id-dritt ta’ proprjeta’ ta’ l-applikant u lanqas *inverita’* fuq kwalunkwe dritt fuq l-istess art li setgha gie vantat minn terzi, inkluz kull allegat dritt ta’ access.

Illi in effetti jidher mill-istess decizjoni li l-imsemmi Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar illimita ruhhu sabiex stabbilixxa l-uzu effettiv li kien qed isir mill-partijiet koncernati u anke minn terzi ta’ l-istess art quddiem l-proprjeta’ ta’ l-appellanti, u fil-fatt ikkonstata li l-istess art kienet qed tintuza, kif kienet ilha snin tintuza minn terzi, bhala mezz ta’ access u passagg, u dan minghajr ma l-Bord dahal fi kwistjonijiet ta’ dritt; bhala fatt tali access huwa ammess mill-istess applikant *stante* wkoll li kien ghalhekk li huwa applika ghall-izvilupp propost, pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-istess Bord agixxa fil-limiti tal-kompetenza skond il-**Kap 356** peress li ma dahalx fil-punti ta’ dritt ta’ proprjeta’ jew access allegati u vantati fl-istess procedura, u dan ghaliex korrettament l-istess konsiderazzjoni ta’ dritt jesorbitaw mill-kompetenza ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, anzi dawn jidhlu fil-kompetenza u gurisdizzjoni generali tal-Qrati ordinarji, u jsegwi li kull vantazzjoni jew allegazzjoni ta’ dritt civili da parte tal-appellant, inkluz kull allegata restrizzjoni li l-istess appellant jidher li qed ivvanta kontra l-imsemmija terzi persuni ghandha tkun diretta fil-fora legali adatti tal-Qrati Civili, *stante* li minn natura taghhom tali vantazzjonijiet huma ta’ natura civili u l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u wkoll din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti tal-Appell minn tali decizjonijiet tal-Bord ma ghandhiex kompetenza fuq kwistjonijiet civili ta’ proprjeta’.

Illi ghalhekk l-istess Bord ta’ l-Appell kien korrett meta ezamina l-applikazzjoni ta’ l-appellant abbazi biss tal-ligi ta’ l-ippjanar, anzi kieku mar *oltre* kien ikun qed joltrapessa l-kompetenza tieghu; isegwi li d-decizjoni ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell saret fil-limiti tal-poteri lilu moghti fil-ligi, u la darba ma kien hemm ebda punt ta’ dritt deciz mill-Bord ta’ l-Appell, fid-decizjoni ssewgi li l-appell ta’ l-

istess rikorrenti ghandu jigi michud abbazi tat-tieni eccezzjoni ta’ l-Awtorita’ appellata.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-Awtorita’ appellata skond ir-risposta taghha tat-23 ta’ Ottubru 2002, **tichad l-appell interpost mir-rikorrenti permezz tar-rikors tieghu ta’ l-appell datat 30 ta’ Settembru 2002,** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u wkoll *stante* li l-appell maghmul huwa null u bla effett *stante* li ma huwiex permissibbli abbazi ta’ l-artikolu **15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta’ Malta,** b’dan ghalhekk li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“John Bonello vs l-Kummissjoni tal-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** ta’ l-20 ta’ Settembru 2002 qed tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant John Bonello.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------